MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Numru 745/2000

**Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 17(b), 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, l-artikolu 3 tal-Kap 104, u l-artikoli 2, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**Spettur Simon Galea**
**V**

**RAYMOND ABELA**

**Seduta ta' llum, 7 ta' April 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND ABELA** ta' erbgha u tletin sena, bin Joseph u Carmen nee Cortis imwieled f' Melbourne l-Awstralja fit-tletin ta' Settembru, 1966 u li joqghod 'Carisma', Triq l-Emigranti, Naxxar, detentur tal-

karta tal-identita` numru 126583 M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Talli fin-Naxxar fl-ewwel ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-hamsa u ghaxra ta' wara nofsinhar, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Pacifico Bezzina minn Naxxar fil-periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz ta' strument li jaqta`u li jniggez ta daqqiet fil-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi Pacifico Bezzina u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika t-Tabib Anthony Gatt ta' l-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari, jew imitazzjoni t'arma regolari.
3. Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kif ukoll fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zamm jew garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u li jniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. Talli fl-ewwel ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data saq vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni HAE 037 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f'ismu mill-Kummissarju ta-Pulizija;
5. Talli b'hekk gie li saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija biex tintuza fit-triq;
6. Talli b'hekk ma kienx kopert b' polza tas-sigurta` jew garanzija ta' terzi persuni;
7. Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikiolu 22 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat u li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar u li tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar l-hdax ta' Ottubru 2002.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Mejju 2001 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi minn din il-Qorti b'mod sommarju.

Rat li l-imputat ddikjara fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2001 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha furq riferita.

Rat li l-Avukat Difensur talab diversi differimenti sabiex jhejji d-difiza tieghu u dan mis-sebgha ta' Dicembru 2001.

Rat li l-Qorti in effetti tat zmien lil Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jippresentaw nota ta' sottomissjonijiet u in effetti fis-sebgha ta' Jannar 2003 il-Prosekuzzjoni ppresentat n-nota taghha tardivament u d-Difiza baqghet inadempjenti.

Illi l-istess Difiza talbet estensjoni tat-terminu moghti lilha ghal presentata tan-nota u l-Qorti akkordatilha t-talba w estenditilha z-zmien izda dan nonostante, d-Difiza baqghet ma aderitx ruhha mat-terminu moghti lilha.

Illi fl-ahhar seduta u cioe fit-tlettax ta' Marzu 2003 l-Avukat Difensur ma deherx u ghalhekk din il-Qorti deherilha li kellha tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza kif effettivament ghamlet.

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat nhar l-ewwel ta' Novembru 2000 hebb u attakka lil Pacifico Bezzina billi tah daqqa ta' mus u bhala rizultat ta' dan Pacifico Bezzina spicca b'barxa superficjali fuq in-naha tal-genb tax-xellug u ferita ohra zghira fuq n-naha ta' quaddiem ta'sidru. Fil-fehma ta' Mr. Ernest Ellul il-Kirurgu tal-isptar San Luqa [vide fol 173] dawn il-griehi huma kompatibbli li saru

permezz ta' strument bil-ponta u li jaqta u li huma ta' natura hafifa. Illi Pacifico Bezina meta ghamel r-rapport lil Pulizija minnufih indikalhom li l-persuna li agredietu kienet Raymond Abela, maghruf bhala "Pastizzi".

Dik il-gurnata stess tar-rapport il-Pulizija marret tarresta lil imputat u ma sabitux u damet tfittxu sitt ijiem u dan instab minn PC 967 u PC 230 Pulizija tat-Traffic, nhar s-sitta ta' Novembru 2001 waqt *road block* li kien qed isir fi Triq z-Zaghfran H'Attard, isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAE 037.

**Skond Jose Abela rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji**, din il-vettura hija registrata f'isem l-imputat u dan minn Lulju 1999 u li fil-jum tal-incident cioe l-ewwel ta' Ottubru 2000 il-vettura kellha l-licenzja maghluqa.

**Skond Paul Sciberras li hu rappresentant tas-socjeta Gasan Mamo Insurance**, din il-vettura kienet koperta b'polza ta' sigurta sal-wiehed u tletin ta' Awissu 2000 mas-socjeta minnu rappresentata pero ma kienx f'posizzjoni jghid jekk l-imputat harigx xi *policy* ma kumpanija ohra ghaliex dwar dan il-fatt ma ccekkjax.

**Pacifico Bezzina xehed il-Qorti** u spjiega kif l-imputat talbu jisliflu s-somma ta' mitejn lira maltin ghaliex qallu li kellu jhallas xi multa tal-Qorti li kienet ser tigi konvertita fi prigunerija jekk ma tithallasx. Bezzina wara hafna iddecida li jisilfu din s-somma flus u tahilu *cash* pero talbu r-ricevuta tal-Qorti sabiex ikun sodisfatt li dik kienet r-raguni vera. L-imputat qallu li kellu r-ricevuta fil-karozza u meta Bezzina mar hdejh fil-karozza, l-imputat telaq 'l hemm u huwa saq ghal warajh. Meta wasal ma genb d-dar t'ommu, ommu harget minn darha u l-imputat saq 'l hemm u kwazi laqtu. Huwa reggha saq ghal warajh ghal din l-ircevuta, l-imputat hareg karta mill-vettura u beda jxejjirha u meta Bezzina mar biex johodha, l-imputat nigzu b'mus u telaq jigri. Bezzina tah daqqa ta' ponn u l-imputat wiegbu li kien ser iqattahlu qalbu bil-mus.

**Illi xehdu wkoll l-Ufficjal tal-Pulizija tat-Traffic PC 967 Aldo Abela u PC 230 Joseph Buhagiar** li sabu lil imputat

nhar s-sitta ta' Novembru 2001 u waqqfuh peress li ma kienx liebes *seat belt* w indunaw li kien 'wanted' mill-Pulizija u ghalhekk zammewh u ghaddewh lil Pulizija tad-distrett tan-Naxxar.

**Xehed wkoll l-Ispettur Simon Galea nhar t-tmintax ta' Gunju 2001** fejn ikkonferma li l-imputat m'ghandhux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm jew jgorr arma jew strument li jaqta u bil-ponta.

**L-imputat nhar s-sitta ta' Novembru 2000 irrilaxxja stqarrija b'mod voluntarju u skond l-ligi** [vide dokument CSH 2 a fol 81 tal-atti]. Huwa ammetta li Pacifico Bezzina silfu mitejn lira maltin u dawn gew mghoddija lilu wara li waslu f'hanut B'Kara sabiex jsarraf *cheque* li kellu Bezzina stess u ghaddielu l-flus *cash*.

Huwa jikkonferma li li kien hu li saqu hemm bil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni HAE 037. Huwa zied jghid li ried jissellef il-flus biex jhallas lil terza persuna u mhux lil Qorti kif fil-fatt qal lil Bezzina. Huwa qal li sussegwentement Bezzina ried ir-ricevuta tal-hlas li suppost ghamel bihom. Huwa tah kopja tar-ricevuta u gew fl-idejn. Jiddeskrivi kif kien Bezzina li attakkah u tah daqqa bil-mus waqt li kienu mal-art. Mistoqsi ghaliex m'ghamilx rapport dwar dan l-incident, l-imputat wiegeb li fil-fehma tieghu ma kienx jigi emnut minhabba l-kondotta tieghu u ghalhekk baqa mahrub biex jahseb. Huwa cahad li ta' daqqa ta' mus lil Bezzina. Huwa jghid pero li d-daqqa ta' mus li kellu Bezzina saret permezz tal-mus li kellu f'idu. Dwar il-kwistjoni ta' *road licence* w *insurance*, l-imputat ma wegibx d-domandi kif del resto kellu kull dritt jaghmel.

**Illi l-imputat xehed viva voce l-Qorti nhar l-hdax ta' Ottubru 2002** u kkonferma li Pacifico Bezzina kien silfu mitejn lira maltin wara li kien wasslu f'post B'Kara bil-vettura tieghu sabiex isarraf cheque. Huwa spjiega ghal darb'ohra li kien Pacifico Bezzina li aggredih l-ewwel bil-mus u gew fl-idejn. Mistoqsi kif sussegwentement spicca f'idejh il-mus l-imputat wiegeb li ma kienx jaf u lanqas kif spicca bid-demm hiereg minn ma gembu. Huwa cahad li qal kliem mhux xieraq fil-konfront ta' Pacifico Bezzina.

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti ta' kif gara l-incident, dik esposta mill-imputat li jghid li gie aggredit minn Pacifico Bezzina b'mus u dik esposta minn Pacifico Bezzina li jghid li gie aggredit mill-imputat.  Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda.

Il-Qorti esaminat dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-imgieba u l-komportament tax-xhieda, l-interess li setgha kellhom f'dak li qalu x-xhieda u kkunsidrat l-fatti cirkostanzjali kollha.  Illi l-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat gie aggredit minn Pacifico Bezzina pero waqt li l-istess Pacifico Bezzina kien qed jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-istess imputat.

Il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni m'irnexxilix tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti l-akkuzi dwar sewqan b'manjiera traskurata u li saq minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta u li kkaguna ferita ta' natura gravi peress li fil-fehma tal-Kirurgu Ernest Camilleri il-ferita kienet ta' natura hafifa.

Dwar l-akkuza ta' recidiva, il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni esibit numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront ta' certu Raymond Abela li jinsabu mmarkati bhala dokumenti CSH 4, CSH 5, CSH 6, CSH 7 u CSH 8 a fol 94 sa 114 tal-process u d-dokument NA esibit fl-atti a fol 244.

Rat wkoll il-verbal tal-Avukat Difensur maghmul ghan-nom tal-imputat nhar l-erbgha ta' April 2001 [a fol 241 tal-atti] fejn l-imputat ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda ghal prova tal-identita tal-imputat ghal recidiva u dan peress li ddikjara li jaqbel li s-sentenzi fuq indikati gew moghtija fil-konfront tieghu.
**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi kif imsemmija fin-nota tal-Avukat Generali tas-sebgha ta' Mejju 2001 esibita fl-atti a fol 251 u cioe l-artikolu 214, 215, 216, 217, 218, 17(b), 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, l-artikolu 3 tal-Kap 104, u l-artikoli 2, 13, 19, 23, 25, 26 u**

**27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat RAYMOND ABELA hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa, talli garr strument bil-ponta u li jaqta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, talli ghamel delitt kontra l-persuna ta' Pacifico Bezzina waqt li kellu fuqu arma regolari [mus], talli saq vettura minghajr ma kellu *road licence* imhallsa u talli huwa recidiv, u mhux hati talli kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pacifico Bezzina, talli saq b'manjiera traskurata u talli ma kienx kopert b'polza ta' sigurta waqt is-sewqan tieghu minn liema l-akkuzi qed tilliberah.**

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 5 et seq tal-atti u minn ezami taghha jirrizulta li bejn il-perjodu ta' 1984 u 1999 l-imputat diga nstab hati tlettax il-darba ta' diversi reati w inghata sentenzi ta' habs, conditional discharge, sentenzi sospizi u multi, izda dan nonostante, reggha jinsab quddiem il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Il-Qorti ma thossx li l-imputat tghallem minn dawn l-esperjenzi u donnu jrid jibqa jikser dufrejh mal-ligi u ghalhekk il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214, 215, 216, 217, 218, 17(b), 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, l-artikolu 3 tal-Kap 104, u l-artikoli 2, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta li qed **tikkundanna lil imputat RAYMOND ABELA ghal piena karcerarja ta' erbatax il-xahar komplessivament ghall-akkuzi li sabitu hati taghhom, b'dan illi minn dan l-perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**Il-Qorti tikkundanna wkoll lil imputat jhallas lir-Registratur tal-Qorti,** meta jigi hekk mitlub, **l-ispejjes peritali li jammontaw ghal tlieta w erbghin lira maltin u hamsa w sittin centezmu** involuti fil-hatra ta' Doctor

Mario Scerri meta gie nominat b'digriet tal-Qorti datat sebgha ta' Novembru 2000 biex jezamina lil Pacifico Bezzina.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkonfiska l-mus esibit f'dawn l-atti, il-Qorti rat li dan mhux il-mus li kellu l-imputat u li dan m'ghandu x'jaqsam xejn ma l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat u li l-mus uzat mill-imputat qatt ma gie esibit f'dawn l-atti u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------